Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' April 2024
(OR. en)

9188/24
PV CONS 18
ECOFIN 495

# ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

12 ta' April 2024

**1. Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 8415/24.

**2. Approvazzjoni tal-punti "A"**

**a) Lista mhux leġiżlattiva** — 8422/24

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

**b) Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) — 8423/24

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

**1. Żieda tal-kapital tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-10.04.2024

7539/24 + COR 1
PE-CONS 50/24
+ COR 1
ECOFIN

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 212 TFUE).

Ġustizzja u Affarijiet Interni

**2. Direttiva dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' pieni għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-10.04.2024

8473/24
PE-CONS 95/23
+ COR 1
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 83(1) u l-Artikolu 1 TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka ma pparteċipatx fil-vot.

**3. Direttiva dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-10.04.2024

8464/24
PE-CONS 3/24
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 82(2), l-Artikolu 83(1) u (2) u l-Artikolu 87(2) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni.

**4. Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-10.04.2024

8450/2/24 REV 2
+ ADD 1
PE-CONS 93/23
JAI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Ungerija u l-Finlandja jivvotaw kontra u r-Repubblika Ċeka, l-Estonja u l-Kroazja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 79(2), il-punti (a) u (b) TFUE). F'konformità mal-Protokolli rilevanti annessi mat-Trattati, id-Danimarka u l-Irlanda ma ħadux sehem fil-votazzjoni. Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Ambjent

**5. Direttiva li temenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali u d-Direttiva tal-Kunsill dwar ir-rimi ta' skart f'landfills**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

8200/2/24 REV 2
+ REV 2 ADD 1
PE-CONS 87/23
+ COR 1 (sl)
ENVI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Italja tivvota kontra u l-Bulgarija, l-Awstrija u r-Rumanija jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

6. **Regolament dwar ir-rapportar ta' data ambjentali minn installazzjonijiet industrijali u l-istabbiliment ta' Portal dwar l-Emissjonijiet Industrijali**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

🅘🅒 8202/24
PE-CONS 101/23
ENVI

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 192(1) TFUE).

Enerġija

7. **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini (riformulazzjoni)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

🅘🅒 8083/2/24 REV 2
+ ADD 1 REV 2
PE-CONS 102/23
ENER

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Italja u l-Ungerija jivvutaw kontra u ċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Iżvezja jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 194(2) TFUE). Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Trasport

8. **Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tal-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ fis-settur tat-trasport okkażjonali tal-passiġġieri**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

🅘🅒 8204/1/24 REV 1
PE-CONS 30/24
TRANS

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bl-Awstrija tastjeni (bażi legali: l-Artikolu 91(1) TFUE).

**9.** **Deċiżjoni fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u l-avjazzjoni** ❶Ⓒ 8209/24 PE-CONS 27/24 TRANS
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-Artikolu 192(1) TFUE).

**10.** **Regolament fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar fl-oqsma tat-trasport bit-triq u l-avjazzjoni** ❶Ⓒ 8207/24 PE-CONS 26/24 TRANS
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) TFUE).

Suq Intern u Industrija

**11.** **Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7)** ❶Ⓒ 7568/24 + ADD 1 PE-CONS 109/23 + REV 1 (hu) MI
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*
approvat mill-Coreper, Parti 1, fl-10.04.2024

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bid-Danimarka tivvota kontra u l-Awstrija u l-Irlanda jastjenu (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

3. Implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
   a) Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu
      *Skambju ta' fehmiet*
   b) Konklużjonijiet — 8294/24
      *Approvazzjoni*

4. Konsegwenzi ekonomiċi u finanzjarji tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna
   *Skambju ta' fehmiet*

5. Tħejjija tal-laqgħa tal-Ministri għall-Finanzi u l-Gvernaturi tal-Banek Ċentrali tal-G20 tas-17 u t-18 ta' April 2024 u tal-laqgħat annwali tal-FMI:
   a) Termini ta' Referenza tal-UE — 8534/24
   b) Dikjarazzjoni lill-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC) — 8535/24
   *Approvazzjoni*

6. Affarijiet oħra
   Attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (b'mod partikolari fir-rigward tal-frodi tal-VAT) — 8800/24
   *Preżentazzjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew*

---

❶ L-ewwel qari

Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġiżlattivi "A" li jinsabu fid-dokument 8423/24**

**Dwar il-punt "A" nru 4:** **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Permess Uniku**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenzi biex isibu kompromess politiku adatt dwar ir-riformulazzjoni.

Madankollu, aħna nemmnu li huwa essenzjali li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeċiedu liberament min jista' jidħol fit-territorju tagħhom biex jaħdem, taħt liema kundizzjonijiet u b'liema proċeduri ta' ammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-realtajiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali u soċjali differenti.

Sfortunatament, dwar xi elementi ewlenin ninsabu 'l bogħod wisq mill-mandat tal-Kunsill u t-test ta' kompromess ma jagħtix biżżejjed spazju għal manuvrar lill-Istati Membri, li f'xi sitwazzjonijiet saħansitra jipperikola l-eżegwibilità prattika. Il-kompetenzi nazzjonali għandhom jinżammu biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jirrispondu b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda dan l-ispirtu ġie sagrifikat favur kompromess rapidu.

Intlaħaq ftehim raġonevoli bejn l-Istati Membri dwar il-perjodu obbligatorju tal-ewwel impjegatur u l-perjodu permess ta' qgħad, li jipproteġi lill-impjegaturi nazzjonali u jnaqqas ir-riskji għas-sigurtà interna. Aħna nqisu li l-emendi proposti mill-Parlament dwar l-Artikolu 11 jimminaw dawn il-kisbiet.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-isforzi tal-Presidenzi, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-adozzjoni."

**Dwar il-punt "A" nru 5:** **Direttiva li temenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali u d-Direttiva tal-Kunsill dwar ir-rimi ta' skart f'landfills**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija tixtieq tirringrazzja lill-Presidenza għall-ħidma fuq id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED).

Fir-rigward tar-reviżjoni tal-IED, l-Awstrija hija fundamentalment tal-opinjoni li ma għandu jkun hemm ebda deterjorament fl-istandards tal-protezzjoni ambjentali.

L-Awstrija qed tastjeni, għax it-test attwali jidher li mhuwiex ambizzjuż biżżejjed mill-perspettiva ambjentali u fl-istess ħin jikkontradixxi t-tnaqqis fil-piż amministrattiv attwalment mitlub fl-agrikoltura, b'mod partikolari fil-qasam tat-trobbija tal-ħnieżer.

L-Awstrija tesprimi t-tama tagħha li r-rapport ta' valutazzjoni tal-IED riveduta mill-Kummissjoni Ewropea ser iwassal ukoll għal aktar żvilupp tal-protezzjoni ambjentali fir-rigward tal-evitar tal-emissjonijiet, filwaqt li jikkunsidra t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi."

**DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA U N-NETHERLANDS DWAR IT-TROBBIJA TAL-IFRAT FIL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-IED**

"Id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED) hija strument estremament importanti għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis minn installazzjonijiet industrijali u tal-bhejjem kbar, u għalhekk ir-reviżjoni effettiva tagħha hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-ambizzjoni tiegħu ta' tniġġis żero kif ukoll ir-rekwiżiti ta' tnaqqis ġenerali dwar l-ammonijaka u l-gassijiet serra.

B'dan il-ħsieb, jiddispjaċina li fit-test ta' kompromess finali t-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat mhijiex inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, għax hija s-sors ewlieni tal-emissjonijiet tal-ammonijaka u tal-metan mis-settur agrikolu. Anki jekk ikunu inklużi biss 1 % tal-akbar azjendi agrikoli industrijali tal-bhejjem tal-ifrat, dan xorta jikkontribwixxi għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-ammonijaka u tal-metan. Għalhekk nilqgħu l-fatt li sal-2026 il-Kummissjoni ser tivvaluta kif l-aħjar jiġu indirizzati l-emissjonijiet iġġenerati mit-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat, meta titqies il-firxa ta' strumenti disponibbli u l-ispeċifiċitajiet tas-settur. It-tama l-kbira tagħna hi li dan ir-rapport ser iwitti t-triq għal inklużjoni tat-trobbija tal-bhejjem tal-ifrat fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u b'hekk jiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-UE.

| | |
|---|---|
| **<u>Dwar il-punt "A" nru 7:</u>** | **Reviżjoni tad-Direttiva dwar il-prestazzjoni tal-enerġija ta' bini (riformulazzjoni)**<br>*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv* |

**DIKJARAZZJONI MILL-KROAZJA**

"Ir-Repubblika tal-Kroazja tibqa' impenjata li tilħaq l-objettivi tan-newtralità klimatika mingħajr preġudizzju għall-ambizzjonijiet stipulati fil-proposta leġiżlattiva. Aħna nilqgħu l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet relatati mar-rinnovazzjoni ta' bini li saritlu ħsara minn diżastri naturali, li huma ta' importanza partikolari għar-Repubblika tal-Kroazja minħabba r-rikostruzzjoni wara t-terremoti tal-2020.

Madankollu, għad għandna riżervi qawwija dwar it-test finali tal-proposta u m'aħniex konvinti li l-proposta għal riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD) ser tiżgura li l-miri ambizzjużi stipulati jintlaħqu b'mod adegwat u għalhekk nastjenu milli nadottaw l-att.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li r-riformulazzjoni tal-EPBD għandha tiddikjara b'mod ċar li l-objettiv tal-EPBD huwa li jinkiseb stokk tal-bini nazzjonali dekarbonizzat bil-ħsieb li jinkiseb stokk ta' bini b'emissjonijiet żero sal-2050, peress li mhux ser ikun possibbli li l-bini kollu jiġi rinnovat għal standards tal-bini b'emissjonijiet żero; għal xi bini, il-kisba tal-istandard ta' bini b'emissjonijiet żero mhijiex teknikament possibbli jew ekonomikament vijabbli. Il-kisba tal-istandard ta' bini b'emissjonijiet żero għandu jkun objettiv indikattiv.

Aħna nenfasizzaw li ma niddubitawx mill-ambizzjonijiet stipulati għall-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għall-bini mhux residenzjali. Ir-riformulazzjoni tal-EPBD fiha dispożizzjonijiet dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini li saritlu ħsara minn diżastri naturali, li ser jagħmlu t-twettiq tal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 9(1) aktar tollerabbli għar-Repubblika tal-Kroazja milli kieku taħt approċċ ġenerali. Dawn id-dispożizzjonijiet ser jipprovdu wkoll flessibbiltà fl-approċċ għall-Istati Membri affettwati minn diżastri naturali fil-futur. Madankollu, ir-Repubblika tal-Kroazja xorta ma tqisx li s-sistema ġenerali għall-promozzjoni tar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini mhux residenzjali fl-Artikolu 9(1) permezz tal-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija hija stabbilita b'mod adegwat u xi elementi tal-proposta finali mhumiex fattibbli jew prammatiċi.

Ir-Repubblika tal-Kroazja insistiet sistematikament għall-introduzzjoni ta' approċċ alternattiv għall-istandards minimi tar-rendiment fl-użu tal-enerġija għal bini mhux residenzjali (skont il-prinċipji tal-approċċ tat-trajettorja għall-bini residenzjali) li jippermetti li l-prijoritajiet ta' rinnovazzjoni jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali sa grad sinifikanti mingħajr ma titnaqqas l-ambizzjoni.

Niġbdu l-attenzjoni wkoll li d-definizzjoni ta' rinnovazzjoni profonda fl-Artikolu 2 mhijiex ibbażata b'mod ċar fuq l-iffrankar tal-enerġija u li tippermetti kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli għar-rinnovazzjonijiet li fil-fatt mhumiex rinnovazzjonijiet profondi.

Ir-Repubblika tal-Kroazja tista' tappoġġa d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14 dwar il-mobbiltà sostenibbli għal bini ġdid, iżda tqis li d-dispożizzjonijiet għall-bini eżistenti huma wisq eżiġenti u diffiċli biex jiġu implimentati.

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tappoġġa t-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u hija impenjata li tieħu miżuri effettivi għal dak l-għan li jqisu l-fattibbiltà ekonomika u soċjali, u jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-affordabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija.

Fl-istess ħin, ninsabu mħassba dwar l-obbligu li tiġi installata l-enerġija solari fil-bini, il-projbizzjoni fuq is-sussidji għall-bojlers tal-gass naturali bi skadenza qasira, u l-miri għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija f'bini residenzjali bi skadenzi qosra. Aħna nemmnu li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ser jimponu piż ekonomiku u soċjali sproporzjonat fuq l-Ungerija, l-objettivi ma jkunux jistgħu jiġu implimentati b'mod kosteffettiv, u li l-iskadenzi stipulati ma jkunux jistgħu jintlaħqu.

Niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li d-dekarbonizzazzjoni aċċellerata tal-istokk tal-bini sal-2040 ser tirrikjedi li jitqiesu kif xieraq l-ispeċifiċitajiet u l-pożizzjonijiet inizjali differenti tal-Istati Membri.

Minħabba t-tħassib imsemmi hawn fuq, l-Ungerija ma tistax tappoġġa t-test ta' kompromess finali."

**DIKJARAZZJONI MINN MALTA**

"Malta tibqa' impenjata bis-sħiħ lejn il-kisba tal-ambizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Malta temmen li ntlaħaq l-aħjar kompromess possibbli bejn il-koleġiżlaturi fir-riformulazzjoni tal-EPBD u għal dan l-għan, Malta tappoġġa l-adozzjoni tagħha.

Madankollu, Malta tinnota li l-implimentazzjoni tad-Direttiva ser tippreżenta diversi sfidi, mhux l-inqas ta' natura teknika u ekonomika sabiex jintlaħqu l-għanijiet maqbula. Ser ikun diffiċli ħafna li l-bini kollu jiġi rinnovat biex jissodisfa l-istandards tal-bini b'emissjonijiet żero. Barra minn hekk, il-fattibbiltà teknika u l-vijabbiltà ekonomika għal ċerti tipi ta' bini inkluż il-lukandi, id-djar għall-anzjani u l-bini ta' għoli medju sa għoli ħafna, biex jissemmew xi eżempji, huma baxxi ħafna anke b'investiment massimu kostottimali fil-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija.

L-implimentazzjoni tal-installazzjoni obbligatorja ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli solari fuq il-bini eżistenti kollu li huwiex abitazzjoni eżistenti ser taffettwa wkoll ir-rekwiżiti legali u tal-ippjanar, li jistgħu jirriżultaw f'limiti għal fejn jistgħu jiġu installati minħabba kwistjonijiet ta' sjieda, l-użu tal-ispazju tal-ajru, kif ukoll id-densità tal-iżvilupp, li hija kwistjoni partikolari fiż-Żoni Urbani ta' Konservazzjoni."

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"Ir-Repubblika tal-Polonja taqbel li l-effiċjenza fl-enerġija, inkluż it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tal-bini, hija ta' importanza kruċjali bħala għodda għall-kisba tal-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet, għat-titjib tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwil u għall-protezzjoni tal-klijenti finali.

Il-Polonja tapprezza l-attitudni kostruttiva ta' dawk involuti fin-negozjar tad-Direttiva bil-ħsieb li jinstabu soluzzjonijiet aktar realistiċi. Dawn il-proċeduri, speċjalment fir-rigward tad-dispożizzjonijiet dwar it-tisħin distrettwali, id-definizzjonijiet użati u r-rekwiżiti ppjanati għall-bini, tbiegħdu mis-soluzzjonijiet inizjali l-aktar restrittivi, li ma ġewx aċċettati mill-Polonja. Il-Polonja tapprezza l-kompromessi li ntlaħqu, filwaqt li tqis il-fattibbiltà teknika kif ukoll il-vijabbiltà ekonomika.

Fl-istess ħin, il-Polonja tidentifika riskju għoli assoċjat mal-kisba tal-miri stipulati fid-Direttiva l-ġdida dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-bini f'sens wiesa'. Għandu jiġi enfasizzat li, fl-opinjoni tal-Polonja, il-livelli ġenerali ta' ambizzjoni proposti ma jqisux bis-sħiħ il-fattibbiltà tagħhom u l-kriżi ekonomika attwali, li matulha l-effiċjenza fl-enerġija għandha tiġi implimentata primarjament bl-użu tal-miżuri l-aktar kosteffettivi. Fil-pożizzjonijiet tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja enfasizzat ripetutament li miri eċċessivament għoljin li ma jqisux il-karatteristiċi individwali tal-ekonomiji tal-Istati Membri jistgħu fl-aħħar mill-aħħar ikollhom effetti ekonomiċi negattivi.

Għalhekk, il-Polonja tqis li l-miri maqbula u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jinkisbu jeċċedu dak li huwa fattibbli u huma kważi impossibbli li jintlaħqu, minħabba ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Polonja, l-istruttura tal-ekonomija tagħha, il-bilanċ tal-enerġija tagħha u l-possibbiltajiet disponibbli għall-komunitajiet tagħha. Aħna nemmnu bis-sħiħ li huwa impossibbli li jintlaħqu l-miri l-ġodda għall-iffrankar b'mod kosteffettiv (m'hemm l-ebda dubju li l-appoġġ finanzjarju mill-fondi Ewropej ser ikun ta' għajnuna kbira biex jintlaħqu l-objettivi, iżda ser jibqgħu riskji kbar fir-rigward tad-disponibbiltà ta' materjali tal-bini, ħaddiema manwali u żidiet fil-prezzijiet bħala riżultat ta' programmi ta' modernizzazzjoni furzata).

Madankollu, il-Polonja ser tagħmel kull sforz biex tilħaq il-miri għall-iffrankar tal-enerġija, filwaqt li żżomm strettament il-pożizzjoni li l-miżuri meħuda ma jridux jipperikolaw l-għajxien u l-benesseri tal-familji u tan-negozji."

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Ir-Repubblika Slovakka b'din id-dikjarazzjoni tiddikjara l-astensjoni tagħha mill-vot dwar ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.

Ir-Repubblika Slovakka tirrikonoxxi l-importanza tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija fil-proċess ta' dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini lejn l-2050 u l-ħtieġa li jitħaffu r-rinnovazzjonijiet soċjalment ġusti u kosteffiċjenti li jissalvagwardjaw l-istandard tal-għajxien taċ-ċittadini.

Madankollu, ir-Repubblika Slovakka tqis li l-ambizzjoni tal-istabbiliment tat-trajettorja fl-Artikolu 9 tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (riformulazzjoni) hija għolja wisq f'termini tar-ritmu u ż-żmien tagħha, speċjalment għall-istokk tal-bini residenzjali, meta jitqies l-istokk dominanti tal-bini residenzjali okkupat mis-sid. Din l-ambizzjoni jista' jkollha konsegwenzi soċjali serji. Is-Slovakkja topponi talbiet irraġonevoli fuq ir-rinnovazzjoni flimkien mal-iskema ta' penali għas-sidien tad-djar.

Ir-Repubblika Slovakka għandha tħassib serju dwar it-tneħħija gradwali ppjanata tal-bojlers tal-fjuwils fossili sal-2040 fl-unitajiet domestiċi, bil-ħsieb tal-ħtieġa li tiġi ssalvagwardjata l-provvista tal-enerġija fit-tisħin għall-unitajiet domestiċi.

Ir-Repubblika Slovakka tappoġġa bis-sħiħ approċċ ugwali għall-użu tat-teknoloġiji kollha tal-enerġija rinnovabbli disponibbli fil-bini.

Madankollu, ir-Repubblika Slovakka ser tagħmel aktar sforzi msaħħa biex timmobilizza s-sorsi finanzjarji tas-sidien tad-djar u l-inċentiv tagħhom biex iwettqu rinnovazzjoni tal-enerġija, filwaqt li tirrispetta d-drittijiet fundamentali."

**DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA**

"Il-bini għandu rwol importanti fis-sistemi tal-enerġija u b'hekk ukoll fit-tranżizzjoni tal-enerġija. L-Iżvezja tilqa' l-ambizzjoni li jittejjeb ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija fl-UE biex is-settur jikkontribwixxi għall-mira fit-tul tan-newtralità klimatika sal-2050.

Fin-negozjati, l-Iżvezja argumentat kontra rekwiżiti dettaljati żżejjed mingħajr kunsiderazzjoni suffiċjenti ta' kundizzjonijiet nazzjonali differenti. Approċċ bħal dan mhux biss ikun kosteffiċjenti iżda jista' jwassal għal konsegwenzi ekonomiċi estensivi u mhux mitluba għall-familji u n-negozji individwali.

L-Iżvezja tapprezza t-titjib li sar fit-test finali, inkluż il-possibbiltà li l-Istati Membri jqisu l-isforzi bikrija u s-sehem diġà baxx tal-użu tal-enerġija fossili fis-settur tal-bini residenzjali skont l-Artikolu 9(2).

L-Iżvezja jiddispjaċiha li d-dispożizzjonijiet dwar l-enerġija solari għadhom mhux ċari u huma dettaljati wisq. L-Iżvezja jkollha irradjazzjoni solari baxxa matul ix-xhur tax-xitwa, li huwa ż-żmien meta jkun hemm l-ogħla domanda għall-enerġija.

L-Iżvezja hija impenjata bis-sħiħ għall-kisba ta' tranżizzjoni ekoloġika kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fl-UE."

**Dwar il-punt "A" nru 11:**

**Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet teknići separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7)**
*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

**DIKJARAZZJONI MILL-IRLANDA**

"L-Euro 7 huwa fajl sinifikanti u kumpless b'impatti diretti u immedjati fuq l-ambjent, il-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika tagħna fl-Unjoni. Nirrikonoxxu l-ħidma diliġenti tal-Presidenza Żvediża u dik Spanjola, u l-ħidma tal-kollegi tagħna fil-Parlament Ewropew, biex jintlaħaq ftehim ibbilanċjat u ġust li jqis it-tħassib li jvarja tal-Istati Membri.

Fir-rigward ta' ħafna mill-kollegi tagħna, kienet prijorità għall-Irlanda li naraw l-introduzzjoni ta' standards aġġornati malajr kemm jista' jkun. Ninsabu kuntenti li kemm il-Kunsill kif ukoll il-Parlament ivvotaw malajr biex jadottaw il-kompromess maqbul fit-trilogu, filwaqt li pprovdew ċerta ċertezza lill-industrija u żguraw li rekwiżiti aktar stretti għal vetturi tat-triq ġodda ser jidħlu fis-seħħ mill-aktar fis possibbli. Dan ser jikkontribwixxi, għalkemm b'mod limitat, għall-protezzjoni tal-kwalità tal-arja tagħna u b'estensjoni s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni.

Minkejja dan, il-kompromess li ntlaħaq fit-trilogu la jissodisfa l-ambizzjonijiet raġonevoli u li jistgħu jintlaħqu stabbiliti fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, u lanqas ma jqis it-tħassib li tqajjem mill-Irlanda u Stati Membri oħra matul in-negozjati. Fl-aħħar mill-aħħar, l-Euro 7 mhux ser jobbliga lill-manifatturi jillimitaw b'mod sinifikanti l-emissjonijiet mhux tas-$CO_2$ mill-vetturi tat-triq. Filwaqt li ma nopponux l-adozzjoni finali tagħha, il-pożizzjoni ġenerali tagħna ma nbidlitx u ser nastjenu milli nivvutaw skont dan.

L-Irlanda ser tkompli taħdem b'mod proattiv mal-Kummissjoni u ma' kollegi tagħna mill-Istati Membri fil-proċess tal-komitoloġija biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni sekondarja żżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi u tibqa' kompetittiva u reżiljenti. Ser inkomplu nappellaw lill-industrija tal-karozzi biex iżżomm il-pożizzjoni tagħna bħala mexxejja tas-suq għal vetturi nodfa u ekoloġiċi."